MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Numru. 77/2013

Il-Pulizija
(Sp Trevor Micallef)
vs
Andres Alejandro Tagliaferro Del Peral, iben Andreas Riccardo, imwieled il-Venezuela fit-13 ta’ Awwissu, 1994, passaport tal-Venezuela numru 023034921

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer fil-11 ta’ Jannar, 2-13 għal ħabta tas-7.20 a.m. ġewwa l-għassa ta’ San Ġiljan u/jew fil-viċinanzi ddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta’ reat b’mod li setgħu jjinbdew proċeduri Kriminali sabiex tizgura li dak ir-reat kien sar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------